MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2011

Numru 374/2007

Il-Pulizija
(Spettur Maurice Curmi)

vs

Dario Azzopardi

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 37377(m), akkuzat talli bejn Jannar 2007 u April 2007 f’dawn il-Gzejjer b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

1. appropja ruhhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra minn haga ta’ haddiehor li kienet fdata jew ikkonsenjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe’ vettura bin-numru ta’ registrazzjoni CBK 629 b’valur li jeccedi l-

mitt Lira Maltin (Lm100) ghad-detriment tal-kumpanija ‘Budget Car and Van Rental’ – Artikolu 18, 293 tal-Kap 9;
2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament ghamel hsara fuq vettura bin-numru ta’ registrazzjoni CBK-629 ghad-detriment tal-kumpanija ‘Budget Car and Van Rental’ – Artikolu 325(1)(b) tal-Kap 9;

Il-Qorti mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9.

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-akkuza tixli l-imputat b’misapproprjazzjoni u hsara volontarja. Tittratta vettura mikrija mill-imputat minghand s-socjeta’ ‘Budget Rent a Car’ li ma kienx irritorna fi zmien patwit tant illi s-socjeta’ kellha tirrikorri ghand il-Pulizija li eventwalment intraccawaha ghand l-imputat u ssekwestrawha. Mix-xhieda tal-imputat il-fatt ‘ut sic’ tal-kiri tal-vettura hu rikonoxxut. F’din ix-xhieda hu jammetti li kera il-vettura fl-4 ta’ Dicembru 2006 u hallas sal-ahhar ta’ Dicembru ta’ dik is-sena. Intant, dwar jekk l-vettura baqghet l-istess wahda jew giet mibdula m’hi ghal Qorti ta’ ebda rilevanza kif invece hu rilevanti l-fatt li l-imputat irrenda ruhu intraccjabbli u kellu biss ikun l-intervent tal-Pulizija li l-karozza nstabet fis-17 ta’ April 2007 u fil-frattemp l-imputat uzaha minghajr ma hallas ghaliha.

Illi dawn huma l-fatti marbuta mal-akkuza tal-misapproprjazzjoni (Artikolu 293 Kap 9) li fl-essenza tieghu jipprospetta l-vjolazzjoni tad-dritt ta’ proprjeta’

ossija l-vjolazzjoni ta' fiducja naxxenti mir-rapport bejn il-proprjetarju u l-awtur tad-delitt, rapport li jimplika l-obbligazzjoni li dan jirrestitwixxi l-oggett moghti lilu in fiducja jew li jaghmel minnu uzu specifikat u determinat. Fi kliem testwali tal-artikolu fuq citat r-reat jissusisti "f'kull min japproprja ruhu, billi jdawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li tkun giet fdata jew ikkonsenjata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat". Fic-cirkostanzi tal-fatti kif pruvati l-imputat ghandu jinstab hati ta' din l-akkuza.

Illi fil-konfront tat-tieni imputazzjoni ossija l-ikkagunar ta' hsara volontarja fuq il-vettura l-fatt cert, mhux kontestat, hu li din il-hsara saret. Hu l-aspett volontarju taghha li ma jirrizultax. Dan qieghed jinghad fid-dawl tar-ritratti esebiti tal-hsara li jaghtu kredtu lill-imputat li jistqarr, mhux rilevanti jekk fil-kuntest meta xehed 'viva voce' jew fil-kors tal-istqarrija li rrilaxxja lill-Pulizija, li l-hsara grat fil-kors li kien ipparkeggja l-vettura. Konsegwentement, l-imputat mhux ser jinstab hati ta' din it-tieni imputazzjoni li ikkaguna *volontarjament* il-hsara bensi' li kkagunha *involontarjament*.

Illi nghad dan, taqta' u tiddeciedi, billi ssib l-imputat hati kemm tal-ewwel u kemm tat-tieni akkuza fuq ta' l-ahhar izda fit-termini tal-involontarjeta'. Rat l-Artikolu 293, 328(d), 17(b) tal-Kap 9. Rat il-fedina penali tieghu u kkonstatat li mhux qieghed akkuzat b'recidiva. Tikkondannah sentejn prigunerija sospiza ghall-erba snin bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 flimkien ma' multa ta' erba' mitt Ewro.

Illi fil-proceduri ma gewx inkorsi ebda spejjez ta' esperti.

Fl-ahharnett, il-Qorti fissret lill-imputat ir-responsabiltajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------